MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2012

Numru 1036/2012

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Busuttil)

vs

Jesmond Magri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 104772M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fi Triq Santa Marija, Mosta fid-29 ta' Settembru 2012, ghal habta tas-1:30 ta' wara nofs inhar:

1. ingurja, jew hedded lil martu, Roselyn Magri.
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku kien jinsab f'sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu innifsu.

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku.
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ta fastidju lil Roselyn Magri meta kien jaf jew messu kien jaf li kien qieghed jaghti fastidju lil Roselyn Magri bl-imgieba tieghu.
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Roselyn Magri biza li kienet ser tintuza vjolenza kontra l-persuna taghha jew kontra l-propjeta' taghha.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 339(e), 338(ff), 338(dd), 251A, 251B u 17 tal-Kap 9.

Tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin.

Tirrikonferma l-ordni ta' protezzjoni skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------